MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 552/2012

C B

vs

A B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrent ippremetta :

1. Illi huwa zzewweg lill-intimata A B nee` S, permezz ta’ cerimonja religjuza celebrata nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Marzu, tas-sena elf, disa’ mija, wiehed u tmenin (1981);
2. Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg kellhom tifel uniku, Matthew B, li twieled fis-sebgha (7) ta’ Dicembru tal-elf disa mija, tlieta u tmenin (1983);
3. Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali datat it-tlieta (3) t’Ottubru tas-sena elf disa’ mija, wiehed u disghin (1991) ppubblikat fl-atti

tan-Nutar Dottor Carmelo Lia, pero wara xi zmien kienu rrikonciljaw;

4. Illi sussegwentement, b'sentenza tas-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elf, disa mija, tmienja u disghin (1998), fl-ismijiet **A B f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri Matthew B vs C B** (Citazzjoni Numru 610/93FD), il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet C u A B, liema sentenza giet konfermata **fl-Appell permezz ta' sentenza fl-istess ismijiet premessi, datata l-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn (2000)**; (Dok 'SF1');

5. Illi permezz ta' sentenza ohra datata t-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed (2001), il-Qorti ta' l-Appell, cahdet it-talba ta' C B ghar-Ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet **A B f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri Matthew B vs C B** u b'hekk ikkonfermat is-sentenza ta' l-Appell datata l-ewwel (1) ta'Dicembru tas-sena elfejn (2000) hlief ghal dak li huwa manteniment fejn il-Qorti pprovdiet illi r-retta alimentary dovuta mir-ragel ghal mara kellha tkun ta' hamsa u tletin lira Maltin (LM35) fil-gimgha; ('Dok SF2');

6. Illi sussegwentement, il-partijiet waslu fi ftehim bonarju bejniethom, u dan permezz ta' kuntratt datat tmienja u ghoxrin (28) t'Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (2004), ppublikat fl-atti tan-Nutar Dott. Ritienne Bugeja Fenech (Dokument hawn anness u mmarkat bhala dok 'SF3';

7. Illi permezz ta' dan l-ahhar ftehim, l-intimata A B, iddekadiet irrevokabbilment u definittivament mid-dritt taghha illi titlob u tircievi manteniment minghand ir-ragel;

8. Illi l-unika wild tal-partijiet illum huwa maggorenni u ma hemm ebda pendenza ta' mantenimenti;

9. Illi l-esponenti ddiskuta mal-patrocinat tieghu l-possibilta ta' rikonciljazzjoni ma' martu u kkonkluda li ma' hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante illi ilhom snin twal separati;

10. Illi fil-fatt ghaddew ferm oltre erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali bejn il-partijiet u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

11. Illi ghaldaqstant, jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet C B u A B:

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

I. Tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' A B hu mahlul u l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi,

II. Konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li in forza taghha hija eccepiet :

L-esponenti ma taqbilx mal-hal taz-zwieg taghha mar-rikorrent, u ghalhekk topponi l-pronunzjament ta' dan id-divorzju u titlob bir-rispett li din il-Qorti tichad it-talbiet attrici;

Ghalkemm huwa veru li l-uniku wild tal-kontendenti Matthew B llum huwa maggorenni, izda r-rikorrenti C B naqas li jhallas il-manteniment ta' LM15 fil-gimgha manteniment dovut minnu matul iz-zmien li l-istess wild kien ghadu minorenni;

Ghall-kumplament fic-cirkostanzi l-esponenti tirrimetti ruhha ghall-provi u l-gudizzju ta' din il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Novembru, 2012;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irniexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruva illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Lulju 2001 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll ma hemm l-ebda manteniment dovut minnu;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------